# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Malcolm Galea**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta` **Malcolm Galea** detentur tal-karta tal-identita bin-numri 556376M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli nhar it-12 t'Awissu 2015 għall-ħabta tat-15:00 fi Triq Mondion, il-Fgura: -

(a) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

(b) inġurja jew hedded, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal provokazzjoni lil Maria Dolores Carabott;

(c) ħebb għall-persuna ta' Maria Dolores Carabott u kkaġunala offiża ta' natura ħafifa hekk kif ċertifikat mit-Tabib Ian Psaila Reg no. 3395 miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Paola;

(d) kif ukoll li ta' fastidju lil Maria Dolores Carabott b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta fastidju għal Maria Dolores Carabott.

Il-Qorti ġiet mitluba biex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet lil parte civile;

***Ikkunsidrat : -***

Illi seduta stante l-parte ċivile ddikjarat li hija kienet qegħda tirtira l-kwerela u tirrinunzja għall-azzjoni kriminali sa fejn din kienet rinunzjabbli.  L-imputat iddikjara li kien qiegħed jaċċetta tali rinunzja.

L-Imputat iddikjara li kien ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u wara li l-Qorti spjegatlu l-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u tagħtu żmien biżżejjed sabiex jekk irid jerġa lura minnha, l-imputat reġa' tenna l-ammissjoni tiegħu.

# ***Decide***

li wara li rat l-artikoli 221(1), 251A, 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali ssib lill-imputat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet minħabba li ma ġewx sodisfaċentement ippruvati; issibu mhux ħati tar-raba' imputazzjoni minħabba li mhux legalment sostenibbli stante li karenti mill-*course of conduct* rikjest mill-liġi u għalhekk tilliberah minn kull ħtija u piena relattivament għat-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjonijiet. Fil-kontemp issibu ħati tal-ewwel imputazzjoni u wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali tqiegħed lil imputat taħt obbligazzjoni tiegħu għal perjodu ta' sena mill-lum taħt garanzija ta' elfejn euro (€2,000).

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 5 ta' Jannar 2016.***

***Aaron M. Bugeja***